Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb
Kumpless Bice Mizzi Vassallo
Triq Arnheim
Pembroke PBK1776
Malta EU

+356 27131574
nationalbookcouncil@gov.mt
ktieb.org.mt

English version below

## Il-Fond Malti tal-Ktieb - Mistoqsijiet Frekwenti u t-Tweġibiet

Dawn li ġejjin huma xi mistoqsijiet li nirċievu dwar il-Fond Malti tal-Ktieb, kemm minn persuni li qatt ma jkunu applikaw qabel u anki minn oħrajn li applikaw fil-passat imma jkunu jridu xi kjarifika jew oħra.

It-tweġibiet f'dan id-dokument mhumiex estensivi, u l-applikanti prospettivi mħeġġa jaqraw ir-regolamenti tal-fergħa interessati fiha minn hawnhekk.

Jekk tkunu tridu tikkonsultawna dwar il-Fond, ibagħtu email lil Matthew Borg, fuq matthew.borg@ktieb.org.mt jew ċemplulna l-uffiċċju fuq +356 27131574 mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn id-09:00hrs u l-16:00hrs.

### 1. X'tip ta' għotjiet joffri l-Fond Malti tal-Ktieb?

Il-Fond Malti tal-Ktieb iwieżen proġetti ta' pubblikazzjoni ta' kotba ġodda f'Malta, u proġetti għat-traduzzjoni u l-pubblikazzjoni ta' kotba Maltin barra minn Malta jew it-traduzzjoni u l-pubblikazzjoni f'Malta ta' kotba barranin.

B'kollox hemm ħames fergħat ta' għotjiet, b'dawn il-fondi għall-2026:

i. Għotjiet għall-Pubblikazzjoni ta' Kotba Ġodda - **€55,000**
ii. Għotjiet għall-Pubblikazzjoni ta' Edizzjonijiet Ġodda ta' Kotba mhux fl-Istampa - **€10,000**
iii. Għotjiet għall-Pubblikazzjoni tal-E-books **- €3,000**
iv. Għotjiet għall-Pubblikazzjoni ta' Audiobooks **- €6,000**
v. Għotjiet għat-Traduzzjoni u l-Esportazzjoni Letterarja Kategorija 1: Traduzzjoni u Esportazzjoni ta' Kotba Maltin - **€50,000**
vi. Għotjiet għat-Traduzzjoni u l-Esportazzjoni Letterarja Kategorija 2: Traduzzjoni ta' Silta minn Ktieb bħala Pitch - **€5,000**
vii. Għotjiet għat-Traduzzjoni lejn il-Malti - **€25,000**

### 2. Min jista' japplika?

Għall-fini tal-applikazzjoni, l-applikant irid ikun identifikat minn Karta tal-Identità jew Permess ta' Residenza validi, u jista' jkun individwu (kittieb, traduttur, editur) jew

pubblikatur irreġistrat Malta jew internazzjonali, jew organizzazzjoni rikonoxxuta legalment li tapplika għall-fond.

Kopja tad-dokumenti uffiċjali ta' identifikazzjoni tintalab biex tkun sottomessa fl-applikazzjoni.

Fl-appendiċi tar-regolamenti hemm definit fid-dettall x'inhu kittieb, traduttur, editur jew pubblikatur.

Sakemm ma jkunx il-pubblikatur li japplika f'ismu, kull applikant ieħor li japplika għal kull fergħa tal-Fond (ħlief il-fergħa tal-pitches) huwa mħeġġeġ jissottometti ittra ta' interess mingħand pubblikatur. Dan isaħħaħ l-applikazzjoni għax jiżgura li l-proġett se jkun ippubblikat u mhux jibqa' fuq l-ixkaffa.

Dan ma jżommx kittieba awtoppubblikati milli japplikaw.

**3. Min se jara l-applikazzjoni tiegħi?**

Bord indipendenti ta' 4 aġġudikanti jara kull applikazzjoni li tidħol.

L-ewwel l-applikazzjonijiet jiġu ċċekkjati li għandhom id-dokumenti bażiċi. F'dil-fażi jekk applikazzjoni ma jkollhiex xi dokumenti meħtieġa titqies ineliġibbli u ma tgħaddix għall-fażi tal-aġġudikazzjoni tal-kontenut. L-applikant ikun infurmat mill-ewwel, ħalli jekk iż-żmien tas-sottomissjonijiet ikun għadu m'għalaqx idaħħal id-dokumenti inkwistjoni.

Imbagħad l-aġġudikanti għandhom damma ta' kriterji li jridu jqisu meta jaraw l-applikazzjonijiet, u skema ta' marki li jmorru magħhom.

**4. Kemm nista' nieħu bħala fondi?**

Applikant jista' jieħu sa massimu ta' €5,000 bħala fondi għall-proġett tiegħu f'kull fergħa, ħlief għall-fergħa tal-pitches fejn hemmhekk il-massimu tal-għotja hi €500.

Dan ma jfissirx li biex tapplika trid tniżżel li għandek bżonn il-massimu msemmi hawnhekk. Fir-rendikont baġitarju tista' tniżżel kwalunkwe spiża li potenzjalment se tidħol għaliha bil-proġett, imbagħad tniżżel l-ammont li qed titlob li ma jridx jaqbeż il-massimu indikat fil-fergħa inkwistjoni.
Jiġifieri fir-rendikont baġitarju jista' jkun jidher li l-proġett se jiġi jiswik, ngħidu aħna, €10,000, iżda bħala talba għall-fondi ma tkunx tista' taqbeż il-€5,000.

**5. Jekk napplika garantita li nieħu l-fondi?**

Le.

Il-Fond Malti tal-Ktieb huwa fond kompetittiv. Dan ifisser li l-fondi jibdew jingħataw lill-proġett li ġab l-ogħla marka, u l-proċess jibqa' għaddej hekk sakemm il-fond globali tal-fergħa inkwistjoni jispiċċa.

Biex applikazzjoni titqies eliġibbli għall-fondi trid iġġib minn tal-inqas 60 marka.

L-aġġudikanti jistgħu jagħżlu li jwieżnu b'mod sħiħ jew parzjalment l-applikazzjoni, u dan sabiex jimmassimizzaw l-ammont ta' proġetti eliġibbli biex jieħdu l-fondi.

## 6. Kif napplika?

L-applikazzjonijiet għall-Fond Malti tal-Ktieb isiru kollha online minn https://ktieb.submittable.com/submit.

L-applikazzjoni tmexxik pass pass u titolbok ittella' d-dokumenti mandatorji u anki dawk mhux mandatorji. Ara li jkollok id-dokumenti mandatorji kollha u d-dokumenti l-oħra li bihom issaħħaħ l-applikazzjoni tiegħek, lesti sabiex il-proċess tal-applikazzjoni jkun bla skossi.

Meta tissottometti l-applikazzjoni tirċievi email awtomatika. Dan ikun ifisser li kellek kollox sew. Tirċievi wkoll email mingħand il-KNK bħala konferma.

Tista' teditja l-applikazzjoni tiegħek biex iżżid/tnaqqas xi dokumenti anki wara li tkun daħħaltha. Biex tagħmel hekk, ikkuntattja lill-KNK u mmexxuk. Dan jista' jsir dment li ż-żmien għas-sottomissjonijiet ikun għadu miftuħ.

## 7. Biżżejjed li nissottometti d-dokumenti mandatorji biss?

Le.

Id-dokumenti mandatorji jagħmlulek l-applikazzjoni eliġibbli biex tkun sottomessa, iżda mhux neċessarjament kompetittiva biżżejjed biex tikseb il-marki mal-aġġudikanti.

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb iħeġġeġ ħafna li l-applikanti jdaħħlu dokumenti oħra minn dawk mitluba li jsaħħu l-argument tagħhom mal-aġġudikanti. Ngħidu aħna referenzi minn persuni terzi ta' min joqgħod fuqhom li jfaħħru l-idea tal-proġett huma eżempju ta' dokument mhux mandatorju li madankollu jsaħħaħ l-applikazzjoni.

F'dan il-punt, huwa aħjar li ttella' aktar dokumenti milli inqas dokumenti, dment li d-dokumenti li ttella' jkunu relevanti u jagħtu kuntest lill-proġett tiegħek.

Fir-regolamenti ta' kull fergħa nagħtu lista tad-dokumenti li tridu tissottomettu, kemm dawk mandatorji u anki xi eżempji ta' dokumenti mhux mandatorji.

## 8. Meta joħorġu r-riżultati?

Ir-riżultati tal-Fond Malti tal-Ktieb joħorġu bejn wieħed u ieħor tmien ġimgħat mill-għeluq tas-sottomissjonijiet.

Dan isir sabiex ikun hemm żmien biżżejjed għall-aġġudikanti kif ukoll għall-amministraturi tal-Fond sabiex jippreparaw id-dokumenti neċessarji għall-pubblikazzjoni tar-riżultati.

Dis-sena l-Fond Malti tal-Ktieb se jiftaħ bejn it-Tlieta 18 ta' Marzu u t-Tlieta 20 ta' Mejju. Ir-riżultati għandhom jitħabbru t-Tlieta 15 ta' Lulju.

Il-proġetti li jkunu ħadu l-fondi biss jidhru ppubblikati, iżda kull min applika jintbagħatlu rendikont tal-marki mogħtija f'kull kriterju u l-kumment ġenerali tal-aġġudikanti.

**9. L-applikanti jistgħu jippreżentaw xogħol li jkun diġà deher stampat?**

Jiddependi mill-fergħa li se tapplika għaliha.

Jekk se ddaħħal proġett fil-fergħa ta' pubblikazzjonijiet ġodda, minn ewl id-dinja li l-proġett ma jridx ikun deher qabel stampat, għax appuntu huwa proġett ġdid.

Jekk se tapplika fil-fergħa tal-edizzjonijiet ġodda ta' kotba mhux fl-istampa, il-ktieb li se tapplika biex tirripubblika jrid ikun deher ippubblikat l-aħħar darba minn tal-inqas 20 sena qabel l-edizzjoni kurrenti tal-Fond.

Jekk se tapplika għall-fergħa tat-traduzzjoni ta' kotba Maltin, it-test sors li se tittraduċi u tippubblika jista' ma jkunx ippubblikat qabel.

Jekk se tapplika biex titraduċi xogħol barrani lejn il-Malti, il-ktieb bit-test sors irid ikun ippubblikat.

**10. Nista' napplika għall-fondi ta' proġett lest?**

Le.

Il-Fond Malti tal-Ktieb iwieżen il-pubblikazzjoni u t-traduzzjoni ta' kotba li jkunu għadhom fl-istadju ta' proġett.

Dan ma jfissirx li meta tapplika tkun għadek ma bdejt xejn mill-proġett, iżda ma tistax tkun lestejtu u ppubblikajtu u tapplika għall-fond, għax l-ispejjeż b'lura mhumiex eliġibbli.

**11. Sa meta jrid jitlesta l-proġett u x'nagħmel fl-aħħar?**

Il-proġetti kollha li jieħdu l-fond iridu jitlestu fi żmien sentejn. Fil-każ tal-proġetti li jieħdu l-fondi mill-fergħa tal-pitches, dawn iridu jitlestew fi żmien 6 xhur. Mhumiex se jingħataw estensjonijiet.

Iż-żmien jibda jgħodd mid-data li fiha jiġi ffirmat il-kuntratt tal-benefiċjarju mal-applikant rebbieħ. Mal-firma tal-kuntratt jiġu trasferiti nofs il-fond li ntrebaħ, u t-tieni nofs jgħaddi meta l-proġett jitlesta.

Meta l-proġett ikun lest, iridu jiġu ppreżentati 2 kopji tal-ktieb stampat kif ukoll ir-rapport finali u r-rendikont baġitarju finali mirfud minn fatturi jew irċevuti uffiċjali li jikkorrispondu mal-kategoriji ta' spejjeż li kienu ġew immarkati fl-istadju tal-applikazzjoni.

Meta tkun qed toqrob biex tispiċċa l-proġett, kellem lill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb biex tkun iggwidat tissottometti l-aħħar dokumenti.

**12. Jekk nieħu l-fondi rrid nikkredita lill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb meta nistampa?**

Iva.

Bħala benefiċjarju tal-Fond Malti tal-Ktieb tkun trid tinkludi l-logo tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb u sentenza li tirrikonoxxi li l-pubblikazzjoni ġiet megħjuna mill-Fond Malti tal-Ktieb. Is-sentenza eżatta tkun imniżżla fil-kuntratt li tiffirma mal-KNK meta jitħabbar li ħadt il-fondi, u l-logo jintbagħat lilek b'email biex tużah meta tkun se tistampa. Meta tibagħtilna ż-żewġ kopji stampati l-uffiċjali tal-KNK jiċċekkjaw li dawn l-affarijiet ikunu inklużi.

# The Malta Book Fund – Frequently Asked Questions

Below are some of the queries we receive regularly regarding the Malta Book Fund, both from first-time applicants as well as those who have applied before but require further clarification.

The answers provided are by no means exhaustive, and prospective applicants are highly encouraged to read the regulations pertaining to their strand of interest here.

For any queries regarding the Malta Book Fund, kindly send an email to Matthew Borg on matthew.borg@ktieb.org.mt. You can also call us on +356 27131574 from Monday to Friday between 09:00hrs and 16:00hrs.

## 1. What type of grants does the Malta Book Fund offer?

The Malta Book Fund supports the publication of new books in Malta and book projects that entail either the translation and publication of Maltese books abroad, or the translation and publication of foreign books in Malta.

The Malta Book Fund is split into 5 strands, with the following overall budgets for 2026:

i. Publishing Grants for New Books - **€55,000**
ii. Publishing Grants for New Edition of Out-of-Print Works - **€10,000**
iii. E-book Publishing Grants **- €3,000**
iv. Audiobook Publishing Grants **- €6,000**
v. Translation and Export Grants Category 1: Grants for the Translation and Expost of Books by Maltese Authors - **€50,000**
vi. Translation and Export Grants Category 2: Book Translation Pitch Grants - **€5,000**
vii. Grants for Translations into Maltese - **€25,000**

## 2. Who can apply?

For the purposes of the application form, the applicant must be identifiable through a valid Identity Card or a Residence Permit. To apply for the Fund, the applicant can be an individual (e.g. a writer, translator, editor, etc.), a publisher registered in Malta or abroad, or a legally recognised organisation.

An official copy of the identification document is requested in the application form.

Detailed definitions of an author, translator, editor and publisher can be found in the appendix of the regulations.

It is highly recommended that every applicant applying for any of the Malta Book Fund strands submits a letter of intent from the publisher (except for the pitches grants and

publishers apply on their own behalf). This serves to strengthen the application by ensuring that the project will be published.

This does not preclude self-published authors from applying.

### 3. Who will review my application?

An independent board of 4 adjudicators will review each application submitted for the Malta Book Fund.

Firstly, the applications will be screened to ensure that the basic documents have been submitted. At this stage, any applications that do not contain all the required documents will be considered ineligible and subsequently will not proceed to the content assessment phase. If the submission is still open, these applicants will be informed at first notice in order to submit the relevant documents.

In the next phase, the adjudicators will evaluate the applications according to a set of criteria accompanied by a marking scheme.

### 4. How much funding can I receive?

Successful applications may receive up to 100% of the proposed project budget, but which shall not exceed the following maximum;

- €5,000 for projects submitted to Categories 1, 2, 5, and 7;
- €2,000 for projects submitted to Category 4;
- €1,500 for projects submitted to subcategory 3a and €1,000 for projects submitted to subcategory 3b; and
- €500 for projects submitted to Category 6.

To apply, you do not need to request the maximum amount cited above. In the budget breakdown, list any potential expenses that may be incurred in the project’s completion and specify the requested amount, ensuring it does not exceed the maximum indicated for each respective strand.

For example, the project can amount to €10,000 in the budget breakdown, but your funding request should not exceed €5,000.

### 5. Is funding guaranteed if I apply?

No.

The Malta Book Fund is a competitive fund. Funds are allocated first to the highest-ranking project, then to the next best, until the total budget for each strand is exhausted.

Applications need to score at least 60 marks to be considered eligible for funding.

Adjudicators may choose to award either full or partial grants to maximise funding distribution among eligible projects.

## 6. How can I apply?

Applications for the Malta Book Fund must be submitted online via https://ktieb.submittable.com/submit.

The application form guides you step by step and prompts you to upload mandatory and non-mandatory documents. To ensure a smooth application process, have all mandatory and non-mandatory documents that strengthen your application at hand.

After submitting your application, you will receive an automatic email indicating that the form has been submitted successfully. Additionally, the NBC will send a separate confirmation via email.

Application forms may be edited in order to add or remove any documents, even after submitting. To request permission to edit, kindly contact the National Book Council. Please note that edits can only be made as long as the application window is still open.

## 7. Is it wise to submit the mandatory documents only?

No.

The mandatory documents ensure the eligibility of your application but they do not necessarily ensure its competitiveness in the marking stage.

The National Book Council highly recommends applicants to submit additional documents other than those required in order to strengthen their proposal for the adjudicators' consideration. For instance, references from reliable third-parties praising the driving force behind the project are just one example of a non-mandatory document that would support the application.

As a rule of thumb, it is always better to upload more documents as long as they are relevant and give further context to your project.

The regulations of each strand provide a list of mandatory documents that must be submitted and a few examples of non-mandatory documents.

## 8. When will the results be out?

The Malta Book Fund results will be published approximately 8 weeks after the submission deadline.

This gives both adjudicators and Fund administrators sufficient time to prepare the necessary documents for the publication of the results.

This year, the Malta Book Fund is open between Tuesday 18 March and Tuesday 20 May. The results will be announced on Tuesday 15 July.

Only successful projects will be published; however, each applicant will receive an overview of the marks assigned according to the criteria as well as the adjudicators' overall comments.

**9. Can applicants present work that has already appeared in print?**

It depends on the strand being applied for.

If you are applying for Publishing Grants for New Books, the work must not have already appeared in print because only new projects are eligible.

If you are applying for Publishing Grants for New Editions of Out-of-Print Books, the book must have appeared in print at least 20 years prior to the current edition of the Malta Book Fund.

If you are applying for the translation of Maltese books, the source text to be translated and published may be unpublished.

If you are applying for the translation of foreign work into Maltese, the source text must be published.

**10. Can I receive a grant for a completed project?**

No.

The Malta Book Fund supports the publication and translation of books that are still in the project phase.

At application stage, you may have already started working on the project. However, you cannot apply for the Fund if the project is finalised and published since reimbursements for backdated invoices are not eligible.

**11. By when does the project need to be ready and what should I do once it is done?**

All projects that are granted funding must be completed within two years. This does not apply for the grants awarded through the pitches strand, which need to be finalised within 6 months. Extensions will not be granted.

The clock starts ticking when the beneficiary contract is signed with the winning applicants.The first half of the grant is transferred upon signing the contract. The second half is disbursed on completion of the project.

Two copies of the printed book need to presented when the project is completed, together with the final report and the final budget breakdown. The latter should be supported by official invoices or receipts that correspond to the expenses for each category as noted at application stage.

When the end of the project is near, contact the National Book Council for guidance on how to submit the last documents.

**12. Am I required to credit the National Book Council in the printed publication?**

Yes.

As a beneficiary of the Malta Book Fund, the publication must feature the National Book Council's logo accompanied by a sentence recognising the support received through the Malta Book Fund. The latter is noted in the contract signed with the NBC when the grant is announced, while the logo will be sent via email when the book is approaching the printing stage. The NBC administrators will check whether these elements are included upon receiving the two printed copies.